MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 203/2014

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u b'digriet datat 19 ta' Novembru, 2014 l-isem Fogg Insurance Agencies Limited gie sostitwit bl-isem ta' Argus Insurance Agencies Limited**

**Vs**

**Jeffrey FARRUGIA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Marzu, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elfejn tlett mija u ghaxar ewro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu [€2,310.22c] u dan wara li ppremettiet hekk:

“1. Matul is-sena 2011, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni HAS 275 mas-socjeta attriċi;

2. Nhar il-25 ta’ Dicembru 2011 sehh inċident awtomobilistiku ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Gzira bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenut stess u l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni GRL 100 misjuqa minn ċerta Graziella Fenech;

3. Il-konvenut baqa ma ressaqx claim mas-socjeta attriċi relattivament ghall-incident de quo, u dan kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta attriċi;

4. Is-socjeta attriċi avżat lill-konvenut sahansitra permezz ta’ ittra uffiċjali datata l-4 ta’ Jannar 2013 illi n-nuqqas da parti tieghu illi jirreġistra claim jikkostitwixxi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni mahruga fuq il-vettura tieghu, u ghalhekk f’kaz illi tiġi obbligata illi teffettwa xi pagamenti ghan-nom tieghu, is-socjeta attriċi kienet sejra tipproċedi kontra l-konvenut ghall-irkupru ta’ l-ammonti kollhaminnha sborsati in konnessjoni ma’ dan il-kaz, u dana oltre ghall-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi;

5. Minkejja illi l-imsemmija ittra ġiet debitament notifikata, il-konvenut baqa qatt ma ressaq il-claim relattiv mas-socjeta attriċi;

6. Effettivament, in vista tal-fatt illi l-konvenut ma rreġistra l-ebda oġġezzjoni skond il-Ligi, is-socjeta attriċi hallset lit-terzi ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-somma ta’ kif jista jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz;

7. Peress illi l-konvenut aġixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta attriċi hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont ta' rappreżentanti in kwantu ghall-ammont ta' l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' l-ispejjez legali u ġudizzjarji inkorsi mis-socjeta attriċi in konnessjoni ma' l-istess inċident awtomobilistiku – u ghalhekk qeghdin isiru dawn il-proceduri sabiex il-konvenut jiġi kkundannat illi jhallas dawn l-ammonti lis-socjeta attriċi.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' dana l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra r-Risposta ta' l-intimat minnu mressqa fil-11 ta' Gunju 2014 u li permezz taghha huwa wieġeb hekk ghat-Talba rikorrenti:

"Illi in linea preliminari jiġi eccepit l-irritwalita fit-talba kif dedotta mis-socjeta attriċi stante illi m'hemmx indikat l-ammont li allegatament qieghed jintalab sabiex jithallas lill-istess soċjetà attriċi mill-konvenut.

Illi minghajr preġudizzju ghal premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u dan kif jista jiġi ppruvat fil-mori tal-kaz;

Illi l-eccipjent jirriserva li jaghmel eċċezzjonijiet ulterjuri meta jkun edott ahjar mill-fatti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess soċjetà attrici".

Ra dak verbalizzat mid-difensur tas-socjeta rikorrenti waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju, 2014 fejn b'referenza ghall-ewwel eċċezzjoni imqanqal mill-intimat tiddikjara li l-ammont reklamat huwa ta' elfejn tlett mija u ghaxar ewro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu (€2310.22c).

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti llum stess li permezz taghha rriduciet t-Talba taghha ghal ammont ta' elf u mitejn euro [€1,200].

Ra n-nota ta' ammissjoni ta' l-intimat ghat-Talba hekk kif ridotta;

Ra l-verbal tal-lum stess u li permezz tieghu, d-difensuri tal-partijiet qabli li l-ammont dovut mill-intimat ghandu jithallas skont is-segwenti:

1. Erbgha pagamenti ta' hamsin euro (€50) fix-xahar;
2. Ghaxar pagamenti ta' mitt euro (€100) fix-xahar;
3. L-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta' Dicembru, 2014;
4. Imghax ma hemmx dovut fuq l-ammont ta' elf u mitejn euro (€1,200);
5. F'kaz li l-intimat jonqos milli jaghmel pagament wiehed, allura huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu, l-ammont bilanċjali jiġi dovut minnufih u minn dakinhar jibda jiddekorri l-imghax sad-data tal-hlas effettiv.
6. Li l-ispejjez tal-proceduri odjerni ikunu bla taxxa.

Il-partijiet talbu li tinghata sentenza llum stess. It-Tribunal laqa' t-talba.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ elf u mitejn euro [€1,200] ammont ridott mit-Talba oriġinali ghar-ragunijiet hemm indikati.

Ikkunsidra;

2. L-intimat illum stess ressaq nota ta’ ammissjoni li permezz taghha ammetta t-talbiet tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ elf u mitejn euro [€1,200].

3. Id-difensuri tal-partijiet qablu fuq il-modalita tal-hlas u talbu li dawn ikunu jifformaw parti minn din is-sentenza.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni ta’ l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta permezz tan-nota minnha mressqa llum stess, tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimat in vista ta’ tali ammissjoni u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf u mitejn euro [€1,200] b’dan illi dan l-ammont ghandu jithallas skond is-segwenti:

1. Erba’ (4) pagamenti ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar;

2. Ghaxar (10) pagamenti ta’ mitt euro (€100) fix-xahar;

3. L-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta’ Dicembru, 2014;

4. Imghax ma hemmx dovut fuq l-ammont ta’ elf u mitejn euro (€1,200);

5. F’kaz li l-intimat jonqos milli jaghmel pagament wiehed, allura huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu, l-ammont bilanċjali jiġi dovut minnufih u minn dakinhar jibda jiddekorri l-imghax fuq dan l-ammont bilanċjali sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jkunu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------